Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Simone Grech

Kumpilazzjoni numru 628/2018

Il-Pulizija

(Spettur Mario Xiberras, Spettur Shawn Pawney u Spettur Wayne Camilleri)

Vs

Keith Pace

Illum 9 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti

Rat l-akkuzi mressqa fil-konfront ta' Keith Pace, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 327480M li permezz taghhom gie akkuzat li:

> *"Talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:*
>
> *1)bejn nhar l-erbatax ta' Awissu 2018, u il-wiehed u ghoxrin ta' Awwissu 2018, minn fond numru 337, Triq il-Kampanella, Rahal Gdid u/jew f' dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' hwejjeg u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifkat, bil-mezz, bil-lok u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett*

*mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (Eur 2329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Clint McKay, u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entitat' u/jew entitajiet ohra bi ksur tal-artikoli 261 (b,c,e), 263(a), 267,269, 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2)Ukoll talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bi ksur tal-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3) Ukoll talli bejn l-erbatax ta' Awwissu u t-tlieta ta' Ottubru 2018, f' dawn il-gzejjer laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod iehor indahlet biex tbighhom jew tmexxijhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4) Ukoll talli nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Settembru 2018, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija u/jew xi hinijiet ohra, fil-fond numru 381, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, bil-hsieb li jwettaq serq, wera b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok bi ksur tal-artikoli 261(e, f), 263 (a), u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5) Ukoll talli fl-istess dati hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bi ksur tal-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*6) finalment nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati Maltin."*

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas-16 t' Ottubru 2018, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-istess imputat inghata zmien biex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni tieghu.

Ra li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza fis-16 t' Ottubru 2018 li jsir *pre-sentencing report.*

Rat il-*pre-sentencing report.*

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet ix-xhieda tal-probation officer Matthew Fleri Soler, ta' Chris Mercieca u ta' Shaun Catania fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2019.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2019 fejn cahdet it-talba tad-difiza biex din il-Qorti tigi kkonvertitat f' Qorti dwar id-droga hekk kif mahsub f' artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni pprezentata fit-13 ta' Novembru 2019.

Semghet ix-xhieda tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler u ta' Charlene Galea fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2020.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet rigwardanti piena ta' Keith Pace tal-21 ta' Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli 17(b), 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261 ( c), 261 ( e), 263 (a), 264, 267, 269(d), 278 (1), 278(2), 278(3), 279(b), 280 (2), 289, 325(1)( c) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu minghajr l-ebda rizerva.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni, tar-raba' imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma vverbalizzatx il-kwantum tal-hsarat kkagunati, jirrizulta mill-atti ta' l-inkjesta li nfethet in segwitu ghal din is-serqa, li l-valur tal-hsarat kien ta' madwar mitejn ewro u ghalhekk, din il-Qorti ser issib htija ghal din it-tieni imputazzjoni fid-dawl ta' l-artikolu 325(1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-hames imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma vverbalizzatx dwar il-kwantum tal-hsarat. Lanqas ma jirrizulta xejn mill-atti processwali dwar l-entita' jew natura ta' din il-hsara. Ghalhekk, sejra tillibera lill-imputat mill-hames imputazzjoni.

Għal fini ta' piena, il-Qorti fliet il-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll qieset ix-xhieda li tressqet kif ukoll il-pre-sentencing report.

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda moghtija mill-Probation Officer u mir-rapprezentanti ta' l-OASI Foundation minn fejn jirrizulta l-avvanz u progress kbir li ghamel l-imputat biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Ghalkemm jidher li l-imputat impenja ruhu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, din il-Qorti ma tistax tiskarta in-natura ta' l-imputazzjonijiet odjerni u l-fedina penali tal-imputat. Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti fliet ukoll il-gurisprudenza kkwotata fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza. Madanakollu fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula u tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-imputat hija piena idonea.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261 (c), 261 (e), 263 (a), 264, 267, 269(d), 278 (1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(2), 289, 325(1)(c) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Keith Pace mhux hati tal-hames imputazzjoni, filwaqt li fuq ammissjoni, qed issib lill-istess Keith Pace hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni u tikkundannah ghal piena ta' tletin xahar prigunerija effettiva – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza.

In oltre, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tikkundanna lill-hati Keith Pace ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez

inkorsi fil-kors tal-inkjesta in genere li tifforma parti mill-atti processwali fl-ammont ta'elf u disgha u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1059.73).

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lid-Direttur tal-Ħabs.

Tordna li dawn l-atti u din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali ai termini tal-ligi.

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Registratur